**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 179/2021JPG**

**Kawza Numru : 21**

**AA**

**Vs**

**SA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors AA, datat 7 ta' Mejju 2021, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u dan skont ic-certifikat taz-zwieg li ghandu numru 618/2002 hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn disgha (9) snin fil-fatt ghaddew minn kawza fl-ismijiet SA vs. AA liema citazzjoni ggib in-numru 54/2014AGV u giet deciza fit-28/01/2020; u ghamlu ukoll emmenda permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness fl-atti tan-nutar Josef Christian Masini Vento datat dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021); anness "Dokument B";*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Arikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002).*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ppresentat ebda risposta u lanqas ma dehret fis-seduti mhejjija. Ghaldaqstant hija kontumaci (vid fol 23);

Rat il-fakolta' moghtija lill-intimata sabiex tippresenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimata baqghet inadempjenti;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AA xehed** (vide affidavit fol 17) illi l-kontendenti izzewwgu nhar it-18 ta' Mejju 2002 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla. Sostna illi l-kontendenti kienu ilhom separati de facto ghal aktar minn

disa' (9) snin u l-mara kienet telqet mid-dar mat-tifla taghhom minghajr spjegazzjoni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' sentenza deciza fit-28 ta' Jannar 2020 mill-Imhallef Onor. A.G. Vella. Di piu', il-kontendenti ghamlu emenda permezz ta kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Josef Christian Masini Vento nhar id-19 ta' April 2021. Ikkonferma illi l-kontendenti ghaddew minn kawza ta' separazzjoni xejn facli stante li l-intimata qatt ma riedet tirranga is-sitwazzjoni. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati***

***b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Mejju 2002, liema zwieg jgib certifikat numru 618/2002 (Vide Dok A, certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Imhallef Antonio. G. Vella nhar it-28 ta' Jannar 2020. Di piu', l-kontendenti ghamlu emenda permezz ta' kuntratt nhar id-19 ta' April 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Josef Christian Masini Vento (vide Dok. B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti rat illi ma jidher li hemm ebda eccezzjoni li din il-Qorti ghandha tqanqal ex-officio u dana

fid-dawl tal-kontumacja tal-intimata.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 618/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**